MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1826/1999/1

**Charles A. Micallef & Co. Ltd.**

**Vs**

**Victor Reginiano**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm1,781.97) prezz ta' "light fittings" u "lightning equipment" lilu mibjugha u kkonsenjati;

Peress illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm1,781.97) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Frar, 1999 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju, 1999 u bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru, 1998 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:**

1. Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi d-ditta attrici kienet inadempjenti fl-obbligazzjonijiet taghha fil-kuntratt.

2. Illi l-istess kuntratt kien soggett ghall-penali minhabba dewmien, liema penali trid tittiehed in konsiderazzjoni ghal kull ammont dovut sa meta gie stallat ix-xoghol.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Il-konvenut kien ghamel ordni minghand l-atturi u kien hallas Lm1,000 depozitu fuq dina l-ordni. Kien sar ftehim bil-miktub u kien hemm inkluza penali ta' Lm30 kulljum ghan-nuqqas ta' *delivery* fiz-zmien. Din l-ordni waslet fil-hin. Imbaghad il-konvenut kien ghamel ordni ohra u skond hu, it-tieni ordni kienet taht l-istess kondizzjonijiet bhal l-ewwel ordni u ghaldaqstant l-klawsola tal-penali

kellha tapplika awtomatikament. Dina d-darba pero' ma kienx sar ftehim bil-mitkub billi l-Manager ta' l-atturi, Silvio Bartolo, kien hareg ta' ragel mieghu l-ewwel darba u l-atturi kienu ikkonfermaw li ser igibulu x-xoghol fil-hin. Barra minn hekk kien ghad hemm bilanc dovut minnu fuq l-ewwel ordni u kien ftiehem ma Bartolo li dak il-bilanc kellu jithallas hekk kif tasal it-tieni ordni. Izda f'dan il-kaz it-tieni ordni baqghet ma waslitx. Ghalhekk il-konvenut qed jippretendi li huwa ghandu jinghata kumpens ta' dan id-*delay*. Hu qed jippretendi Lm30 kuljum u l-penali tigi hafna aktar mill-bilanc li qed jitolbu l-atturi. Inoltre dwar il-kont a fol. 41 hu mhux qed jaqbel mal-bilanc li qed jintalab billi hemm Lm90 li ma jafx ghal x'hiex inhuma.

Minn naha l-ohra l-atturi jittritjenu li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' Lm1,781.97 li hija dovuta fuq l-ordnijiet kollha.

Fuq l-ewwel ordni datata 13 ta' Marzu, 1998 kien hemm ftehim bil-miktub dok MD 2 fol. 21 pero' fuq it-tieni ordni ma sar ebda *agreement* bil-miktub u lanqas li jkun hemm *penalty* (ara Dok MD3 a fol. 19 u fol. 52) Din kienet ordni verbali u t-tieni ordni qatt ma kienet giet *delivered* ghax il-konvenut ma kienx hallas l-ewwel ordni ta' Lm1,781.97. L-unika ilment li ghandhom fil-*file* huwa li l-konvenut kien kiteb li *there was a sum for the items at the Sliema shop so far they have not been attended to* (ittra tal-konvenut datata 17/2/99 fol. 50).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ammont ta' Lm1,781.97 bilanc mitlub fic-citazzjoni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni mill-konvenut. Ghalkemm huwa semma li ma jabilx ma' l-ammont ta' Lm90 li hemm imsemmi fil-kont hu ma spjegax ghal liema ammont qed jirreferi u ghaliex ma jaqbilx.

Kwantu ghat-talba ghall hlas tal-penali, il-Qorti tirrileva li fuq it-tieni ordni ma kien sar ebda ftehim bil-miktub bhal ma sar fl-ewwel ordni u lanqas ma hemm ftehim fuq penali (ara fol 19 jew 52) Ir-ragunijiet li gab il-konvenut ghaliex ma insistiex ghal ftehim bil-miktub mhumiex

ragunijiet sufficjenti biex jiggustifikaw t-talba tieghu ghal hlas ta’ penali. Il-penali ma kientx tapplika awtomatikament u lanqas ma kien hemm ftehim li l-konvenut inghata xi koncessjoni li jhallas dak li kien dovut fuq l-ewwel ordni meta jircievi t-tieni ordni. Fil-fatt l-atturi jghidu li ma kkonsenjawx t-tieni ordni, apparti minhabba d-dewmien, minhabba l-fatt li l-konvenut ma kienx hallas l-ewwel ordni.

Il-konvenut issottometta li l-atturi kienu lesti li jikkumpensawh minhabba d-dewmien li kien hemm u d-danni li huwa sofra. Izda jidher li dwar dina t-talba l-konvenut illimeta ruhhu billi jeccepixxi li m’ghandux jaghti l-ammont mitlub u m’ghamliex kontrotalba ghal danni li hu allegatament sofra.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talba attrici u
tikkundanna lill konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u wiehed u tmenin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm1,781.97).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data ta’ l-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------